19 ta' Diċembru, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Nutar Oscar Azzopardi *versus* Gerard Cuschieri

**Ġudikat — Cessjoni — Prova — Ammissjoni tal-Partijiet — Żball — Art. 1552 u 1276 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm l-Imħallef ma jistax jirrileva "ex officio" l-eċċezzjoni tar-"res judicata", eppure, meta jiġri li xi waħda mill-partijiet, mingħajr ma tiddeduċi formalment dik l-eċċezzjoni, fil-fatt tipproduċi regolarment sentenza li għaddiet f'ġudikat u donnha tinvokaha bħala bażi tal-konklużjonijiet tagħha, huwa evidenti li l-awtorità ġudikanti ma tistax ma tokkupax ruħha b'dik l-istess eċċezzjoni, u, jekk jikkonkorru l-elementi meħtieġa, tilqagħha, bla ma jista' jingħad li l-Imħallef ikun qajjem "ex officio" dik l-eċċezzjoni.*

*L-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma hix attendibili meta ma hemmx l-identità tal-ħaġa mitluba fil-kawża preżenti u fil-kawża preċedenti fejn ġiet mogħtija s-sentenza msemmija fil-kawża preżenti.*

*Skond il-liġi, l-ebda ċessjoni ta' kreditu li jkun ġej minn àtt publiku ma tiswa jekk ma ssirx b'att publiku; u l-prova ta' l-obligazzjoni jew tat-tmiem tagħha tista' ssir bix-xhieda jew mezzi oħra magħrufa mill-liġi meta biss mhux meħtieġ li din il-prova ssir per mezz ta' att publiku jew skrittura privata.*

*Il-konfessjoni jew ammissjoni tal-partijiet ma sservix ta' prova jekk il-parti li għamlet dik il-konfessjoni jew ammissjoni tkun għamlitha bi żball.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 482 ta' l-1950 li bih l-attur, wara li ppremetta li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u li jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, billi b'kuntratt li sar fl-attijiet tan-Nutar Giuseppe Gatt tal-24 ta' Ottubru 1936 (dok. A) l-imsemmi Giuseppe Cuschieri huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' £83, in kwantu għal £70 b'titolu ta' self u in kwantu għal £13 bħala prezz ta' ċessjoni ta' kreditu li saritlu mill-attur b'saħħa ta' dak l-istess att; u billi dik is-somma ta' £83, skond l-istess kuntratt, kellha titħallas b'rati ta' £5 l-waħda kull tliet xhur, bl-imgħax tat-3% fis-sena a skaletta; u billi l-imsemmi Giuseppe Cuschieri ma ħallas qatt xejn minn dan id-dejn, la għall-kapital u lanqas għall-imgħax; u billi l-Kum l-imsemmi Giuseppe Cuschieri jin-

sab mejjet u wirtu l-konvenut; talab li huwa jigi awtorizzat li jeżegwixxi kontra tiegħu l-kuntratt fuq imsemmi li sar fl-attijiet tan-Nutar Giuseppe Gatt fl-24 ta' Ottubru 1936 għassomma ta' £116. 13. 0, in kwantu għal £83 għall-kapital kostitwit bl-imsemmi kuntratt, u in kwantu għal £33. 13. 0 għall-interessi tat-3% fuq l-istess kapital mid-data tal-kuntratt sal-24 ta' April 1950, salvi l-imgħaxijiet ulterjuri; u dana billi għaddew aktar minn tliet snin minn meta l-kuntratt seta jigi eżegwit, u anki billi d-debitur oriġinarju l-lum jinsab mejjet. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mid-dikjarazzjoni ta' l-attur u mid-dokument "B" jirriżulta li l-konvenut tal-lum, bħala eredi ta' missieru Giuseppe Cuschieri, bl-att taċ-ċitazzjoni magħmul quddiem dina l-Qorti u li jġib in-numru 50/1950, fl-ismijiet riversati, kien fittex lill-attur odjern sabiex tiġi mħassra l-inskrizzjoni ipotekarja naxxenti mill-kuntratt li fil-kawża tal-lum qiegħda tiġi mitluba l-eżekuzzjoni tiegħu, u fin-nuqqas, li l-kanċellament ta' l-istess inskrizzjoni ipotekarja jiġi effettwat in forza tas-sentenza; u dana l-għaliex il-konvenut tal-lum, bħala attur f'dik il-kawża, allega l-pagament. Liema kawża kellha eżitu sfavorevoli għall-konvenut tal-lum, għar-raġuni ta' nuqqas ta' ġustifikazzjoni mill-provi;

Illi l-kawża tal-lum għandha bħala oġġett l-eżekuzzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi; għal liema azzjoni l-konvenut eċċepixxa mill-ġdid il-pagament. Peress li "reus in excipiendo fit actor", u l-attur preventivament ippreżenta l-kopja tas-sentenza l-oħra (dok. B) bejn l-istess partijiet, fejn it-teżi tal-pagament ġiet miċħuda, donnu jidher li l-istess attur ried "a priori", per mezz ta' dak id-dokument, jilqa' l-eċċezzjoni mogħtija l-lum mill-konvenut, u li huwa ndubbjament kien jaf qabel il-kawża biha, b'mod li hemm bżonn għal kwalunkwe eventwalità li jsiru ċerti konsiderazzjonijiet fuq hekk;

Illi għalkemm huwa risaput fid-dottrina li l-Imħallef ma jistax jirrileva "ex officio" l-eċċezzjoni tar-"res judicata", eppure meta jiġri, kif qabel l-ispjegazzjoni tad-difensur ta' l-attur donnu li jidher li ġara fil-każ preżenti, li xi waħda mill-partijiet, mingħajr ma tiddeduċi formalment l-eċċezzjoni tar-

"res judicata", fil-fatt tipproduċi regolarment is-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat, u donnha tinvokaha bħala bażi tal-konklużjonijiet tagħha, huwa evidenti li l-awtorità ġudikanti tista', u għandha, tokkupa ruħha b'dik l-istess eċċezzjoni; u jekk jikkonkorru l-elementi mitluba, tilqagħha, bla ma jista' jingħad li l-Imħallef ikun qajjem "ex officio" dik l-eċċezzjoni; il-għaliex huwa għandu d-dmir fil-qtugħ tal-kawżi jokkupa ruħu mill-mezzi kollha tad-difiża li jkunu ġew invokati mill-kontendenti bħala bażi ta' l-assunti tagħhom, anki fil-każ li mhux il-mezzi kollha jkunu ġew proposti bil-forma speċifika mill-partijiet fi-proċeduri tagħhom (ara Mattirolo, Vol. V, pag. 32 u 33, para. 35, nota numru 3);

Illi l-Qorti, biex tkun żgura mill-menti ta' l-attur dwar il-produzzjoni tad-dokument "B", fis-sens li tkun aċċertata jekk huwa b'dik il-produzzjoni riedx jew le jagħti formalistikament dik l-eċċezzjoni, fit-trattazzjoni tal-kawża staqsietu jekk b'dik l-istess produzzjoni kellux f'rasu jġib 'il-quddiem dik l-eċċezzjoni għall-prevedibili eċċezzjoni ta' pagament tal-konvenut, u d-difensur ta' l-attur qal li fil-fatt ipproduċa dak id-dokument biex juri l-fattijiet, u mhux bl-intenzjoni li jċaqlaq dik l-eċċezzjoni; b'mod li dina l-Qorti ma hix "ex officio" sejra tidħol f'dik il-kwistjoni, għalkemm kattedratikament tista' tgħid, għal dak li jista' jkun, li anki kieku kellha tiġi deċiża dik il-kwistjoni, l-istess ma tistax tiġi riżoluta favur l-attur; il-għaliex l-element ta' l-identità tal-ħaġa mitluba fil-kawża l-oħra u dik fil-kawża preżenti ma jaqblux, ċjoè ma humiex identiċi, sabiex ikun jista' jingħad li setgħa seħħu l-elementi meħtieġa għall-fondatezza ġuridika ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, kif ġie deċiż f'każ analogu mill-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Firenze fit-3 ta' April 1879, in re "Comune di Cetona vs. Chierici", riportat fit-Temi Veneziana, Volume V, paġina 296;

Ikkunsidrat;

Illi, kif diġà ntqal fuq, il-konvenut bl-eċċezzjoni tal-pagament avanzata minnu huwa tenut, skond il-prinċipji komuni "affirmanti incumbit probatio" (de regulis juris) u "reus in excipiendo actor est" (Ulpianus, L. 1 de except. 44, 1), li jipprova dak l-istess pagament;

Illi l-portata u n-natura tal-provi li ġieb il-konvenut tirrigwarda mhux il-fatt li xi ħadd mill-istess xhieda prodotti jaf pożitivament u ra effettivament lill-awtur tiegħu jħallas il-kreditu *"de quo agitur"*, imma li l-istess testimoni semgħu xi kliem minn għand l-attur li minnu, jew għandha tiġi ndotta konfessjoni ta' ħlas, jew *li huwa qal* li ġie mħallas minn terza persuna, li mhux il-veru debitur, b'mod li setgħet saret ċessjoni tal-kreditu, u għalhekk l-attur *ma għandux* aktar dritt *jew interess li jsostni t-talba odjerna;*

Illi fuq dina l-aħħar ipotesi, anki jekk huwa minnu li l-*attur esprima* ruħu fis-sens li huwa seta' ċeda lil xi terza persuna l-kreditu in diskussjoni, biex il-konvenut isostni li l-attur ma għandux aktar dritt u nteress isostni l-kawża tal-lum għandu d-dmir mhux biss jipprova li qal hekk, imma li fil-fatt għadda għal dik l-istess ċessjoni; il-għaliex jekk skond il-liġi (art. 1552 (2) Kodiċi Ċivili) ebda ċessjoni ta' kreditu li jkun ġej minn att publiku ma tiswa jekk ma ssirx b'att publiku, u skond l-art. 1276 ta' l-istess Kodiċi l-provi ta' l-obligazzjonijiet u tat-tmiem tagħhom jistgħu jsiru b'xhieda jew mezzi *oħra magħrufin* mill-Kodiċi ta' l-*Organizzazzjoni* u Proċedura Ċivili (Kap. 15), meta biss mhux meħtieġ mill-liġi li l-obligazzjoni u tmiem tagħha, sabiex iseħħu, iridu jsiru b'att publiku jew, skond il-każ, bi skrittura privata, l-unika prova valida taċ-ċessjoni hija dik tal-miktub, li fil-każ odjern irid ikun att publiku. Dina l-prova, li tispetta lill-konvenut il-għaliex kien huwa li avanza t-teżi tan-nuqqas ta' *interess* u dritt fl-attur għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt "de quo agitur", ma saretx. Jingħad ukoll illi l-attur, meta ħalef f'dina l-kawża, qal li huwa *l-lum huwa ċert*, wara li għamel ir-riċerki neċessarji, li l-impressjoni li kien esprima qabel dina l-kawża u l-kawża preċedenti *lix*-xhieda tal-konvenut, fis-sens li seta' ċeda dak il-kreditu, ma kien hemm xejn minnha. Minn dan jitnissel li fuq dan il-pont il-konvenut kwindi ma ppruvax li l-attur ma għandux interess jaġixxi bil-kawża odjerna l-għaliex huwa ġie mħallas minn xi ċessjonarju;

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar il-kliem li qal l-attur li huwa kien tħallas mill-*P.L.* Navarro, jingħad li l-istess xhud qal ukoll li l-attur ma qallux kif sar il-pagament. Mix-xhieda l-oħra kollha però jir-

riżulta li l-attur dejjem sostna, qabel ma aċċerta ruħu mill-kuntrarju, li huwa kien tħallas, però mhux mid-debitur, imma minn għand terza persuna; b'mod li meta tkellem mal-P.L. Navarro naturalment kien qiegħed isostni dak li qal lix-xhieda l-oħra, il-għaliex allura kien taħt l-impressjoni li xi terza persuna ħallsitu wara li għamlilha ċ-ċessjoni tal-kreditu. Dik l-impressjoni tirriżulta li kienet inkorretta, tant mix-xhieda ta' l-attur kemm mill-fatt, kif fuq intqal, li ebda att notarili taċ-ċessjoni in parola ma ġie prodott — l-uniku mod, fil-liġi, kif ċessjoni ta' kreditu magħmula per mezz ta' att notarili tista' ssir skond il-liġi;

Minn dan għandna wkoll kwindi li l-attur, meta kien qiegħed jitkellem fuq dana d-dejn, kien qiegħed jgħid ħaġa kontra l-fatt, il-għaliex kien allura jaħseb erratament li kien tħallas; u kwindi anki bħala konfessjoni, dak id-diskors tiegħu, skond il-prinċipju legali li "non fatitur, qui errat, nisi jus ignoravit" (Ulpianus, L. 2 Digesto de confessis 42, 2), ma jiswiex; il-għaliex dik l-istess konfessjoni ġiet magħmula bi żball, u ma setgħetx tiġi nterpretata bħala espressjoni tal-volontà tiegħu, in kwantu "non videntur qui errant consentire" (Ulp. L. 116 § 2, Dig. De Regulis Juris 50, 17). Newtralizzata b'dana l-mod il-konfessjoni jew il-kliem li minnhom trid tiġi ndotta l-konfessjoni tal-ħlas, u fin-nuqqas li xi wieħed mix-xhieda tal-konvenut kien jaf u ra effettivament il-pagament, in aġġunta mal-fatt pożitiv li l-kuntratt "de quo" għadu jgħajjat kontra l-awtur tal-konvenut, ma hemm ebda oppożizzjoni oħra li hija deferita għall-eżami ta' dina l-Qorti;

Illi kwindi t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa fuq il-konsiderazzjonijiet tal-provi prodotti;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi;

L-ispejjeż għall-konvenut.